# L-innijiet ta’ Mro. Angelo Pullicino (1904-79)

## (I) Innu Popolari San Ġiljan

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Bħala bidu għal din is-sensiela ta’ innijiet ta’ Mro. Angelo Pullicino (1904-79), jixraq li, l-ewwel artiklu jkun iddedikat lill-Innu Popolari San Ġiljan. Jekk id-data u l-post eżatt ta’ fejn twieled San Ġiljan huma misturin fiċ-ċpar tal-imgħoddi, l-istess jista’ jingħad fir-rigward tal-ħolqien ta’ dan l-innu popolari tant għall-qalb il-poplu Ġiljaniż. Iżda qabel ma ngħaddu biex niżvelaw dati u ċirkustanzi ta’ meta u kif inkiteb dan l-innu, u mbagħad issirlu analiżi mużikali dettaljata, xieraq li l-ewwel nintroduċu ‘l dan il-qaddis.

Kliem muftieħ: Innu popolari, San Ġiljan, Leġġenda ta’ San Ġiljan, Innu Popolari San Ġiljan, Banda tad-*Domus*, Spiru Tanti, Mro. Angelo Pullicino, Silvio Frendo, Dun Amabile Bonanno (kappillan), Ġużeppi Cassar (promotur), Banda San Ġiljan.





**INNU LIL SAN GILJAN**

Mużika: A. Pullicino
Versi: S. Frendo

Lil-Ġiljan bniedem tas-sema
Aħna nsellmu bl-ikbar ġieħ
Minn għajnejna toħroġ demgħa
Meta n-nies tifħir ittih.

Int dawwalt il-pajjiż tagħna
Inti xegħelt il-poplu wkoll
Żelu kbir ta’ pura mħabba
L-imrar kollu int mort tħoll.

Sptar ċkejken inti mort tiftaħ
Hniena kbira b’hekk urejt
Int fejjaqt ħafna mard ikrah
U bl-imħabba n-nies imlejt.

Aħna lkoll miegħek induru
U noffrulek kull tifħir
Aħna mħabba lilek nuru
Meta talbna lejk itir.

Aħna lkoll madwarek qiegħda
Għarkobbtejna nitolbuk
Li l-ħżunija minna tbegħ’dha
Biex fis-sema ingawduk.

Magħqudin ilkoll ħsieb wieħed
Bukkett ċkejken aħna ntuk
Minn ġo qalbna dan jittieħed
Qima kbira b’hekk nuruk.

Paġna ta’ quddiem tal-volantin li kien inħareġ mill-Banda San Ġiljan.
Fih jiġbor il-vrus tat-tlitt innijiet: l-Innu Popolari, tal-Banda, u t-‘Tifħir’

Min kien San Ġiljan?:

Ħafna studjużi serji jaħsbu li, ħajjet San Ġiljan tista’ tkun biss leġġenda u li fiha l-affarijiet irrakkontati jistgħu jkunu tabilħaqq mibnija fuq fatti storiċi, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu biss ħlieqa tan-nies.

Il-ġrajja tal-qaddis jista’ jagħtihielna f’forma sempliċi l-essej ta’ Yan Edward Pirotta, iben waħdieni tal-awtur, li dak iż-żmien kien għadu tfajjel ta’ għaxar snin, rebbieħ tat-tielet premju fil-‘Kompetizzjoni Kitba Dun Anton Xiberras 2006’ li jġib l-isem ta’ ‘San Ġiljan u aħna t-tfal’:

… Ġiljan kien ġej minn familja nobbli … u kiber fl-għożża u l-imħabba tal-ġenituri … Darba fost l-oħrajn, waqt li kien għall-kaċċa, resqet fuqu ċerva, u qaltlu: “Int għad toqtol lil ġenituri tiegħek”. Imbikkem għall-aħħar, huwa telaq għal għonq it-triq u mar jgħix f’art imbiegħda biex mingħalih jaħrab mill-profezija … iżda qabduh xi suldati u ħaduh quddiem is-Sultan. Ġiljan wera ruħu kemm kien gwerrier qalbieni. Is-Sultan tant ħabbu, li għamlu konsulent tiegħu u ried iżewġu lill-bintu Margerita … u marru joqgħodu f’Kastell.

Sadattant … il-ġenituri ta’ Ġiljan … irnexxielhom isibu fejn kien joqgħod binhom. … Malli waslu, Margerita laqgħethom bil-ferħa u talbithom biex jorqdu fil-kastell għax kienu għajjenin.

Lura mill-kaċċa, Ġiljan iltaqa' ma' sieħbu li … kien jgħir għalih. Dan imlielu rasu b'ħafna ħsebijiet ħżiena. Ġiljan baqa' sejjer dritt lejn il-kastell, daħal, u mar bilġri lejn il-kamra tas-sodda … silet is-sejf u qatel lill-koppja kif kienet rieqda fis-sodda. … Ftit ħin wara jisma' 'l martu ssejjaħlu minn isfel. Huwa dlonk nduna bl-iżball kbir li kien għamel - kien qatel lill-ommu u lill-missieru!

… Ġiljan u Margerita ħallew il-ġid kollu warajhom u marru jgħixu qrib xmara bħala penitenza. Hemm bnew dejr biex jilqgħu lill-vjaġġaturi u jduru bil-morda fqajrin. Darba fost l-oħrajn, sama' leħen isejjaħlu min-naħa l-oħra tax-xmara … Ġiljan qadef bid-dgħajsa għax-xatt l-ieħor u sab imġiddem jistennieh. Ħadu għandu u tah ikel u xorb. Imbagħad daħħlu fis-sodda tiegħu biex jistrieħ. Ħin bla waqt, il-marid inbidel f'anġlu mill-isbaħ. Alla ried jagħti lil Ġiljan l-aħħar prova.

Min kiteb il-versi?:

 

Spiru Tanti bl-ewfonju u missieru Giovanni bil-kurunetta mal-Banda tad-*Domus* fl-1925.

Fuq l-awtur tal-versi, Silvio Frendo, qajla stajt insib tagħrif dwar ħajtu u ħidmietu – dak li rnexxieli nikseb seta' jiġi biss minn riċerka li jien għamilt wara li qallibt ma nafx kemm-il programm imgħoddi tal-festa u għejun oħra bil-miktub, bit-tama li niltaqa' ma' xi ntervista 'l hawn u 'l hinn minn xi anzjan Ġiljaniż li seta' tarraf xi ħaġa dwar il-ħolqien ta' dan l-innu. Huwa fatt madankollu, li dan Silvio Frendo kien ħabib ħafna ta' Spiru Tanti[1] u kienu jmorru jitgħallmu jkantaw flimkien għand xiħadd (u allura dan ix-'xiħadd' ma stajniex insiru nafu min hu jekk ma ssemmiex b'ismu) li jgħallem il-vuċi. Kien bis-saħħa ta' din il-ħbiberija li Spiru kien iddobba l-poeżija tal-Innu Popolari San Ġiljan mingħand sieħbu.

F'intervista oħra, Spiru Tanti jgħid li kien Silvio Frendo stess li mar bl-innu f'idu għand is-Surmast Pullicino biex jimmużikahulu. Fil-fatt, fil-programm tal-Festa – Awwissu 1990 – u Annwal tal-Parroċċa, f'paġni 19 u 21 insibu siltiet minn ntervista li Andrew Borg kien għamel lil Spiru Tanti fl-ewwel ta' Mejju ta' dik is-sena. Spiru jirrakkonta li: '… Dak iż-żmien kellna innu ieħor flok dak li nkantaw illum, kien in-*Nomine Insignie*. Tal-lum, 'Lil Ġiljan bniedem tas-sema …' kitbu Silvio Frendo, **li kien mar għand is-Surmast Pullicino għall-mużika** …'

Meta nkitbet il-mużika tal-innu?:

[1] Spiru Tanti (1910-22.XII.92) kien wieħed mill-ewwel bandisti Ġiljaniżi meta ġiet iffurmata l-Banda tad-*Domus* fl-1925 u wara saret il-Banda San Ġiljan. Bħala abbati, kien dejjem jiġri mal-Kappillan Bonanno u Salvu s-Sagristan. Ħafna mit-tagħrif fuq il-Banda San Ġiljan nafuh lilu għax kien dejjem jirrakkonta u jikteb fuq San Ġiljan. Kien bniedem ħabrieki li kien jagħti sehmu mhux biss bħala bandist, iżda wkoll biex jgħin kemm fil-festa ta' barra kif ukoll dik ta' ġewwa. Jingħad ukoll li, kellu vuċi sabiħa u kien iħobb ikanta. (Programm tal-Każin tal-Banda San Ġiljan maħruġ għall-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-istatwa titolari ta' San Ġiljan 1893-1993, paġna 13.)



Is-Surmast Angelo Pullicino kien idoqq l-ewfonju ma' l-Orkestra Sant' Andrija (1926)

Biex nifhmu aħjar kif u meta seta' twieled dan l-innu, tajjeb l-ewwelnett li nieħdu s-sitwazzjoni fil-perspettiva tagħha bil-għan li noħolqu stampa aktar ċara ta' x'kienu ċ-ċirkustanzi li setgħu wasslu lil Pullicino biex jiktbu. F'programm tal-festa li kien ħareġ f'Awwissu 1991 biex ifakkar il-mitt sena parroċċa, Spiru Tanti kien irrakkonta hekk f'paġna 23 fuq is-snin bikrin tas-Surmast Angelo Pullicino: 'Sena minnhom ma kienx hemm organista fil-knisja (ta' Lapsi) u Dun Pawl (Galea) ħajjar lis-Surmast Pullicino jaħseb għall-mużika hu. Dan aċċetta u Dun Pawl beda jgħallmu l-quddies u diversi kant li kien isir dak iż-żmien. Fil-festa ta' San Ġiljan tax-Xitwa organizza orkestra u saret festa solenni kif jixraq u rnexxiet.' Iżda sfortunatament, għal darb'oħra, hawn Spiru ma jippreċiżax is-sena li fiha ġara dan kollu. Mill-banda l-oħra, setgħet kienet din l-istess okkażjoni li wasslet lis-Surmast Pullicino għalbiex jikteb l-Innu Popolari.

Luċjan, ħu s-Surmast Pullicino, ikompli jsaħħaħ dak li qal Spiru Tanti: 'Meta kien hemm il-Kappillan Bonanno[2], Anġlu kien iġib orkestrina biex iddoqq l-antifona ta' San Ġiljan fil-knisja ta' Lapsi. Din kienet tkun magħmula minn flawt, klarinett, kornu, trumbun, vjolin, u vjolinċell'.[3] Luċjan kien ikanta fil-kor għax kellu vuċi tajba meta kien żgħir. Għamlu xi żmien baqgħu jagħmluha anke meta laħaq il-kappillan Dun Anton Debono.

Spiru Tanti jikkonferma wkoll li: 'L-innu ta' Pullicino kien sar wara t-twaqqif tal-Banda San Ġiljan fl-1927, u għaldaqstant, hu (is-Surmast Angelo Pullicino) diġà kellu l-età.' Spiru jżid jgħid li: 'Qabel l-innu li nafu bih illum kien jeżisti ieħor bit-Taljan li kien jitkanta wara l-antifona bl-orgni u l-innijiet mal-ħruġ tal-vara min-niċċa.'

Il-konklużjoni:

B'dat-tagħrif f'idejna wieħed jista' jikkonkludi li, l-innu popolari ta' Pullicino nkiteb wara l-1927 imma mhux aktar tard mill-1935. Dan għall-fatt li, fuq n-naħa l-waħda nafu li, il-Banda msemmija twaqqfet fl-1927, u kienet f'dik l-istess sena li ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa ta' San Ġiljan. Nafu wkoll li, Pullicino kien responsabbli mill-orkestrina tal-knisja fejn żgur li ġe wiċċ imb' wiċċ mal-innu l-qadim ta' San

[2] Dun Amabile Bonanno (1874-1942) kien ir-raba' kappillan ta' San Ġiljan, mill-1908 sa ma miet fl-14 ta' Novembru, 1942, l-iktar kappillan li dam fil-parroċċa ta' San Ġiljan. Hu ħadem ħafna għall-Ġiljaniżi kemm fl-Ewwel Gwerra Dinjija, kif ukoll fit-Tieni Gwerra. Fost l-għaqdiet li waqqaf insibu ċ-*Circolo San Giuliano*, fl-1923, u kien ħadem mhux ftit biex il-banda tad-*Domus* tingħaqad ma' dan il-każin u ssir l-Banda San Ġiljan. Hu kien jemmen li, post il-banda mhux fid-Domus, post ta' tagħlim nisrani, Iżda f'każin soċjali. Il-kappillan Bonanno għadda minn ħafna żmenijiet koroh minħabba it-twemmin politiku tiegħu, speċjalment fl-aħħar tal-għoxrinijiet, meta proprju kien strumentali biex issir l-għaqda bejn il-banda tad-*Domus* u c-*Circolo San Giuliano*. Kien hu li rnexxielu li jakkwista l-istrumenti tal-banda mingħand il-markiż Scicluna biex tissaħħaħ il-banda, u kien hu li, flimkien mal-promortur tal-każin, is-Sur Ġużeppi Cassar, ra li din l-għaqda sseħħ. (Banda San Ġiljan - 75 sena mit-twaqqif tal-banda - 1927-2002 - Programm ta' l-okkażoni)

[3] Silta minn intervista li kienet saret mill-awtur ma' Luċjan Pullicino nhar is-Sibt 17.VIII.02.

Ġiljan (dak bit-Taljan). Mill-banda l-oħra, f'programm (bit-Taljan ukoll) li kien ittella' fiż-Żurrieq biex jiġu ċċelebrati l-festi popolari u selenni ad unur "N.S. Monte Carmelo" bejn id-19-21 ta' Lulju 1935, insibu li, il-Banda San Ġiljan, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Angelo Pullicino, esegwit programm fil-jum tal-festa, jiġifieri nhar il-21 ta' Lulju, li kien jinkludi dawn li ġejjin: "Jolanda" Marcia, "Norma" Sinfonia ta' Bellini, "Ballo in Maschera" Selection ta' Verdi, "Tannhauser" Fantasia ta' Wagner, "Fra Diavolo" Fantasia ta Weber, "The Vanish King" March (awtur mhux mag]ruf), "Inno Pontificio", "**Inno S. Giuliano**", u "Dio Salvi il Re".





*Programma Musicale da svolgersi dalla Filarmonica* **San Giuliano** *nel giorno della Festa, 21 Luglio.*

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | JOLANDA | |
| Sinfonia | NORMA | Bellini |
| Selection | BALLO IN MASCHERA | Verdi |
| Fantasia | TANNHAUSER | Wagner |
| Fantasia | FRA DIAVOLO | Weber |
| March | THE VANISH KING | |
| INNO PONTIFICIO | INNO S. GIULIANO — DIO SALVI IL RE | |

A. PULLICINO, Mro. Direttore.

Il-Programm tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq (1935)

U biex inkompli bis-saga tagħna bil-għan li nistabbilixxu data aktar fissa ta' meta seta' nkiteb dan l-innu, sena biss wara l-kunċert li kien sar fiż-Żurrieq, fil-programm tal-Banda San Ġiljan li sar fil-piazza (misraħ) Spinola nhar is-Sibt 29 ta' Awwissu 1936, jiġifieri, lejlet il-festa titutali ta' San Ġiljan indaqqew dawn ix-xogħlijiet li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| . | INNO PO(N)TIFICIO | |
| Marcia Sinfonica | IDILIO D'AMOR(E) | A. Pullicino |
| Overture | NORMA | V. Bellini |
| Reminiscenza | No. 4 | G. Vella |
| Selection | RIGOLETTO | G. Verdi |
| Marcia Sinfonica | ONDE D'ARGENTO | A. Pullicino |
| . | **INNO SAN GIULIANO** | **A. Pullicino** |
| . | GOD SAVE THE KING | |

Mad-daqqa t'għajn, wieħed jista' faċilment jasal għall-konklużjoni li, l-innu ta' Pullicino li kien indaqq fil-programm taż-Żurrieq (1935) huwa l-istess wieħed li ndaqq fil-festa ta' San Ġiljan (1936), u allura ma nkunux skorretti jekk ngħidu li, l-Innu Popolari ta' San Ġiljan kien diġà f'idejna talaqas sa mill-1935. Issa kemm kien ilu li nkiteb qabel dit-data (1935) wieħed ma jistax jgħid fiż-żgur, għax s'issa għad m'għandna l-ebda forma ta' dokumentazzjoni jew evidenza li tista' b'xi mod tissostanza dan.

Fl-arkivju tal-Knisja ta' Lapsi teżisti kopja oħra ta' programm tal-Banda San Ġiljan li kien sar nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu tal-1938 fit-8.30 ta' filgħaxija, u li fost il-marċi birjużi li kienu sejrin jiżżanżnu nsibu l-Innu Popolari ta' Pullicino. X'ifisser dan? Li, l-Innu Popolari issa kien beda jindaqq ukoll waqt il-marċi fit-toroq u allura ma baqax jindaqq biss fil-knisja ta' Lapsi jew fuq il-planċier waqt xi programm. Forsi għalhekk ukoll li, minn sempliċi **Inno San Giuliano** (1935) bidel ismu għal **Inno Popolari San Ġiljan** (1938), għax imbagħad kien laħaq rabba l-popolarità tiegħu fost il-Ġiljaniżi f'qasir żmien.



PROGRAMM TAL BANDA
TA SAN GILIAN
Nhar Is-Sibt 29 ta Awissu 1936
Nhar SAN GILIAN
FIL PIAZZA SPINOLA

INNO POTIFICIO
Marcia Sinfonica IDILIO D'AMOR A. Pullicino
Overture NORMA V. Bellini.
Reminiscenza No.4 G. Vella.
Selection RIGOLETTO G. Verdi.
Marcia Sinfonica ONDE D'ARGENTO A. Pullicino.
INNO SAN GIULIANO A. Pullicino
GOD SAVE THE KING

PROGRAMM TAL MARCI
Li sejra izzanzan l'euuel darba
Il Banda SAN GILIAN
Nhar il Gimgha 28 ta Awissu 1936
fit-8 p.m.

Marcia ESPANIUOLA N. N.
Do. HAPPY MOMENTS A. Pullicino
Do. SILVER JUBILEE A. Pullicino.
Do. IL TRIONFO A. Pullicino.
Do. OMAGGIO A SAN GIULIANO A. Pullicino.
Do. OMAGGIO S. Pucci.
Do. HAPPY AND GLORY A. Pullicino.
Do. ETOILE DE MALTE A. Pullicino.
Do. PATRIA A. Pullicino.
Do. ROMARIA G. Stivala.

Il Birra li kgheda tghamel furur
CISK STANDARD ALE
RED LABEL

Programm: 29.viii.1936



PROGRAMM
tal Banda
San Giljan
Nhar il Gimgha 26 ta Awwissu fit-8.30 p.m.
Il Banda S. Giljan sejra iz-zanzan
daun il marci brijusi

Innu Popolari A. Pullicino
(San Giuliano 1938)
1. Marcia V. Ciappara
"Patria"
2. ,, John. N. Klohr
"The Billboard"
3. ,, A. Pullicino
"All Toghether"
4. ,, Ch. Doven
"Gabut aux du Nord"
5. ,, A. Pullicino
"Homage to the King"
6. ,, A. Pullicino
"28 Agosto 1938"
7. ,, A. Pullicino
"S. Giuliano"
8. ,, N. N.
"Espanuola"
"Innu S. Gilian"

THE NEW ART PRESS—SLIEMA.

Programm: 26.viii.1938



Is-Sibt 27 t' Awwissu
fit-8 p.m.
Marc Brijus
u uara taghmel dan il Programm

Innu S. Gilian

1. Marcia Sinfonica A. Pullicino
"Tramonto Incantevole"
2. Sinfonia Offenback.
"Orpheo der Wnterwelt"
3. Selezione Giordano
"Andrea Chenier"
4. Fantasia R. Wagner
"Lohengrin"

Innu Pontificio Innu Malti

God Save The King

Direttur tal Banda
Angelo Pullicino

INNU
LILL
S. GILIAN

Lil Ġiljan bniedem tas-sema
Aħna nsellmu bl'akbar ġieħ
Min għajnejna toħroġ demgħa
Meta n-nies tifħir il-tieħ.

Int dawwalt ir-raħal tagħna,
Inti xegħelt il-poplu kkoll
Żelu kbir ta' pura mħabba
L-imrar kollu int mort tħoll.

Sptar ċkejken inti mort tiftaħ
Bnieda kbira b'hekk urejt
Int fejjaqt ħafna mart ikrah
U bl'imħabba in-nies imlejt.

Aħna llkoll miegħek induru
U noffrulek kull tifħir
Aħna mħabba lilek nuru
Meta tagħna lejk itir.

Aħna lkoll madwarek qegħda
Għarkopptejna nitolbuk
Li l-ħtanija minnha tbeda.
Bħex fis-sema ingawduk.

Magħqudin ilkoll ħsieb wieħed
Bakket ċkejken aħna ntuk
Min go qalbna dan jitħieħed
Qima kbira b'hekk nuruk.

S. F.

Programm: 27.viii. 193?

Innu Popolari San Ġiljan - Analiżi komparattiva:




(a) Paritutra għall-banda




(b) Partitura għall-pjanu

F'din l-analiżi li ġejja ser inqabblu żewġ partituri oriġinal li jinsabu fl-arkivju privat tal-awtur: (a) għall-pjanu, u (b) għall-banda. Biex nibdew, tajjeb illi ngħidu li, l-innu, li fih sitt kwartini (strofa ta' erba' versi), bl-ottonarji (vrus magħmulin minn tmien sillabi) bir-rima skont l-iskema a-b-a-b, hekk imsejħa mqabbża , fih 24 battuta li jinqasmu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni: | $00^4 – 08^3$ |
| Strofa: | $08^4 – 16^3$ |
| Ritornell: | $16^4$ - $24^3$ |

Partitura (a) għall-pjanu:

L-introduzzjoni (b. $00^4 – 08^3$): Din hija sentenza ta' tmien battuti magħmula minn erba' frażijiet ta' żewġ battuti l-waħda li lkoll jibdew b'anakrusi, jiġifieri fuq ir-raba' taħbita, u allura l-parti debboli, jew dgħajfa, tal-battuta. Is-sentenza, li tinqasam f'żewġ taqsimiet – anteċedent u konsegwent – tilħaq il-qofol tagħha fis-sitt battuta bit-trijadi tas-sotto-dominanti (V), segwita mir-raba' u l-aħħar frażi li sservi ta' desinenza li tħaddem is-soltu grupp kadenzjali – II7b – Ic – V – I – u b'hekk iġib 'ill-introduzzjoni fi tmiemha.

ANTEĊEDENT



KONSEGWENT




L-istrofa ($08^4$ – $16^3$): Din hija wkoll magħmula minn sentenza ta' tmien battuti, fejn kull frażi hija ekwivalenti għal vers minn tal-poeżija. L-anteċedent (b. $08^4$ – $12^3$) hu indentiku għal dak tal-introduzzjoni. Imma meta niġu għall-konsegwent (b. $12^4$ – $16^3$), u hawn ikun irid jintlaħaq il-qofol ta' sentenza, nassistu għall-frażi sekwenzjali, fejn (b) hija t-tkomplija ta' (a), u wkoll, l-armonija hija aktar kumpatta fis-sens li l-ewwel sotto-frażi (b. $12^4$ – $13^3$) tibda bil-korda tat-toniku li biha tkun spiċċat il-frażi preċedenti, u żżomm l-istess korda fl-ewwel taħbita tal-battuta li jmiss imma fl-ewwel inverżjoni, filwaqt li żżid biss in-nota sensibbli fit-tieni wit-tielet taħbita fejn hemm proprju s-sinkopi. Fis-sotto-frażi l-oħra (b. $13^4$ – $14^3$) isseħħ modulazzjoni lejn is-sopra-toniku (SOL minuri), u għalkemm armonikament inkunu tlajna ton 'il fuq – minn FA għal SOL, il-melodija tatina x'nifhmu li ninsabu neżlin minflok tielgħin. L-istrofa tagħlaq bl-aħħar frażi timmodula lejn id-dominanti (V), bis-SI bekwadru tiddomina armonikament ix-xena.

KONSEGWENT




Ir-Ritornell ($16^4$ – $24^3$): Ir-Ritornell hu maħsub għalbiex jikkuntrasta, madankollu, hawnhekk aktar għandna sitwazzjoni t'omoġeneità, fejn ir-ritornell huwa biss it-tkomplija ta' dak illi ġie qablu u ma joffrix karatteristiċi ġodda, speċjalment f'dik li hija melodija. L-ewwel frażi (b. $16^4$ – $18^3$) hija tagħqida ta' żewġ sotto-frażijiet (ċ) u (d), li bejniethom jiffurmaw waqt sekwenzjali bħalma kellna f'battuti $12^4$ – $14^3$, bid-differenza imma, li hawnhekk (ċ) = toniku (I) u (d) = sotto-dominanti (VI), u allura għandna sens ta' nżul kemm fil-linja melodika kif ukoll f'dawk li huma gradi tal-armonija.

ANTEĊEDENT




It-tieni frażi (b. $18^4$ – $20^3$) hija armonikament kumpatta għall-aħħar, mhux biss għax timmodula lejn is-sopratoniku (II) – SOL minuri, imma wkoll għax tħaddem kordi li fihom infushom huma kromatiċi, fejn in-noti konċernati ma jiffurmawx parti mill-iskala dijatonika, u għaldaqstant ma jaqgħux taħt it-tonalità li nkunu bdejna u spiċċajna biha – u liema hi l-aktar nota li tista' qatt tikkontradixxi lill-FA maġġuri jekk mhux il-FA diesis?! Biex niftehmu aħjar ejja nieħdu il-frażi in SOL minuri fejn il-progressjoni armonika hija kif ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **19** | | | | **20** | | |
| 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 |
| $V^7$ | I | $I^7d$ | VI | $\#IV^7$ | V ----------------------------------- | | |

$18^{4}$ Il-korda dominanti biż-żieda tas-settima minuri.
$19^{1}$ Il-korda tat-toniku.
$19^{2}$ L-istess korda imma biż-żieda tas-settima minuri (FA bekwadru) fil-qiegħ.
$19^{3}$ Il-korda tas-sopra-dominanti li għandha wkoll mis-sesta Ġermaniża[4], l-aktar minħabba id-DO diesis li tiġi wara.
$19^{4}$ Il-korda tas-settima diminwita mibnija fuq is-sotto-dominanti awmentata.
$20^{1-3}$ Il-korda dominanti.

Huwa proprju hawn li, ir-ritornell jilħaq il-qofol tiegħu u tal-innu in ġenerali, għax huwa appuntu hawnhekk li l-kromatiċità hija fl-aqwa tagħha. U bħallikieku minn dan kollu li għadna kif għedna qisu qatt ma kien xejn, l-aħħar frażi (b. $20^{4}$ – $24^{3}$) treġġa' kollox lura għan-normal billi tikkanċella ħabta u sabta l-FA diesis, timmodula għal waqt wieħed lejn is-sotto-dominanti (IV), u tmur bilġri lejn ir-raba' u l-aħħar frażi hekk msejħa kadenzjali biex tkun ċerta li tagħlaq fuq in-nota dijatonika ta' FA maġġuri. Din l-aħħar frażi hija fil-fatt l-istess waħda li ltqajna magħha f'battuti $04^{4}$ – $08^{3}$.

Nagħlaq b'nota ċkejna billi nagħmel referenza għall-battuti 17 u 18, fejn il-kromi li hemm fil-kjavi tal-baxx jiffurmaw kontro-melodija sempliċi 'ma effettiva – karatteristika li nisbuha tista' tgħid fir-ritornelli kollha ta' l-innijiet li kkompona s-Surmast Pullicino.

Partitura (b) għall-banda:

F'dik li hi struttura, dil-partitura hija l-istess bħal dik għall-pjanu, u allura m'hemm xejn x'wieħed jista' jżid f'dan ir-rigward. Biss, indawru ħarsitna lejn dawk l-elementi li għandhom x'jaqsmu ma' żieda jew xi bidliet żgħar fl-armonija, konsegwenza tal-ħolqien tal-kontrapunt.

L-innu huwa maħdum fuq tliet pentagrammi separati:

(i) kurunetti (cornetti) – hawn wieħed jassumi li, il-klarinetti jdoqqu l-istess noti imma ottava ogħla; (ii) *Althorns* (baritoni) u ewfonji (ukoll mitkubin fil-kjavi tal-vjolin) – dan minħabba l-fatt ukoll li, l-*Althorn* huwa strument li jittrasponi, u allura n-noti mdaqqin jinstemgħu differenti minn dawk miktubin. Il-fatt li, l-*Althorn* qed fil-kjavi msemmija (jiġifieri in FA maġġuri) jtina x'nifhmu wkoll li ġa qedin trasportati bil-lest fit-tonalità t-tajba, dejjem jekk eventwalment il-kompożitur jiddeċiedi li jniżżel t-tonalità ġenerali b'ton minn FA maġġuri għal Mi bemoll maġġuri; (iii) trumbuni u baxxi.

Analiżi komparattiva:

Meta niġu biex inqabblu ż-żewġ partituri nsibu dan li ġej:

L-introduzzjoni (b. $00^{4}$ – $08^{3}$):

---

[4] Is-sesta Ġermaniża (bl-Ingliż magħrufa bħala *German 6th*.) hija korda magħmula minn trijadi maġġuri, jiġifieri grupp ta' tliet noti li jikkonsistu f'nota u t-terza maġġuri u l-kwinta perfetta ta' fuqha. Ma' dawn wieħed irid iżid is-sesta awmentata. Din il-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri ta' l-iskala (ġieli wkoll, fuq it-tieni grad minuri). Għal dan il-fatt, is-sesta Ġermaniża hija waħda kromatika. Biex inġibu eżempju, jekk qegħdin in Do maggiore, is-sesta Ġermaniża tiġi taqra hekk: La bemoll, do, mi bemoll, u Fa djesis. Importanti ħafna li, din il-korda ma tirsolvix mill-ewwel fuq id-dominanti għax tikkawża il-kwinti konsekuttivi. Minflok, għandha l-ewwel tirsolvi fuq il-korda tal-ewwel grad fit-tieni inverżjoni, u mbagħad tmur lejn id-dominanti. (Minn intervista li kienet saret ma' Tony Perry nhar id-19 ta' Settembru 2006 huwa kien qal hekk: Fuq is-sesta Ġermaniża kien jgħidli "Ara din is-sesta Ġermaniża, Ton", u kien isemmagħhieli. Dak iż-żmien ma kontx nifhem x'inhi jiena, imma is-sesta Ġermaniża niftakru jsemmiha qisu qed nitkellem miegħek issa!)

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1** | | | | **2** | | | | **3** | | | | **4** | | |
| 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 |
| | I | (VI) | Ic | $V^7b$ > | VI ------------------------ | | | | $V^7b$ > V | | (III) | V | V7 | | I |

Illi fl-anteċedent (b. $00^4$ – $04^3$), ir-RE fit-tieni taħbita fl-ewwel battuta aktar għandha tittieħed bħala s-sesta miżjuda fil-korda tat-toniku (I) milli bħala korda tas-sopra-dominanti (VI). L-istess jingħad għat-tieni taħbita fit-tielet battuta, fejn il-LA hija biss is-sesta miżjuda fil-korda tad-dominanti (V) u mhux tifforma parti mill-korda medjanti (III). Innota wkoll li, fir-raba' taħbita (b. 1) in-nota sensibbli qegħda fil-qiegħ.

Il-konsegwent (b. $04^4$ – $08^3$) ma joffri xejn ġdid f'dik li hija armonija.

L-istrofa (b. $08^4$ – $16^3$):

L-anteċedent (b. $08^4$ – $12^3$) huwa l-istess bħall-dak tal-introduzzjoni.

Il-konsegwent (b. $12^4$ – $16^3$) joffri spettaklu ta' kromatiċità, fejn naraw wkoll jiġi mħaddem il-marċ tal-kwinti:

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | FA maġġuri --- RE minuri --- SOL minuri ---------------------- | | | | | | | | | DO maġġuri ------------------------ | | | | | |
| | **13** | | | | **14** | | | | **15** | | | | **16** | | |
| 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 |
| | III | $V^7d$ | VIb | $V^7d$ > | II ------------------------------ | | | | $V^7$ > | I ------------------- | | | $V^7$ | | --------- |

MARĊ TAL-KWINTI




Kif wieħed jista' jinnota, il-konsegwent, l-ewwel jimmodula lejn is-sopra-dominanti (VI) – RE minuri, mbagħad is-sopra-toniku (II) – SOL minuri, u mbagħad lejn id-dominanti (V) – DO maġġuri – liema tonalitajiet jiġu kollha minn FA maġġuri.

Ir-Ritornell (b. $16^4$ – $24^3$):

Anteċedent (b. $16^4$ – $20^3$):

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | SOL minuri ---------------------------------- | | | | | | |
| | **17** | | | | **18** | | | | **19** | | | | **20** | | |
| 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 2 | 3 |
| | I ------------------------------------------ | | | | | VI ----------------------------- | | | | $V^7$ > | I | I7d | VI | | Ġer.6 |

L-attenzjoni tagħna tmur mill-ewwel fuq it-tielet wir-raba' taħbita ta' battuta 19, fejn is-sopra-dominanti (VI) tissarraf f'Sesta Ġermaniża, bis-sesta awmentata fil-qiegħ. Madankollu, il-kwinti mtennija ma ġewx evitati għax din il-korda partikolari, minflok għaddiet l-ewwel, kif suppost, għall-korda fit-toniku bil-kwinta fil-qiegħ (Ic), qegħda tirrisolvi direttament fil-korda dominanti (V) - xiħaġa li ma setgħetx issir jekk mhux billi tissospendi żewġ noti, filwaqt li tħalli lill-għerq u s-sesta awmentata jirrisolvu weħidhom:

SESTA ĠERMANIŻA




Il-konsegwent (b. $20^4 – 24^3$), huwa l-istess wieħed bħal dak li nsibu fl-introduzzjoni (b. $04^4 – 08^3$).

Kontrapunt:

Element ieħor important fl-innu huwa l-kontrapunt, li tiegħu qed nagħtu tliet definizzjonijiet varji imma li joqorbu lejn xulxin: (i) t-tagħqid ta' żewġ melodiji, jew aktar, li flimkien jagħmlu sens mużikali[5]; (ii) żewġ motivi, jew aktar, imdaħħlin b'sengħa f'xulxin f'melodija waħda[6]; (iii) għaqda ta' noti b'figuri differenti.[7]

Fil-partitura għall-banda, il-kontrapunt qed bejn il-melodija ewlenija (klarinetti / kurunetti) u l-kontro-melodija tal-baritoni / ewfonji. Il-bqija tal-istrumenti, jiġifieri korni / trumbuni / baxxi / perkussjoni (tanbur / pjatti / katuba) jieħdu ħsieb il-parti ritmika.

N.B. Il-parti storika ta' dan l-artiklu żgur li mhux eżawrita. Għadaqstant, kulmin għandu xi tagħrif li jista' jżid ma' dan, ġentilment mitlub jikkuntattjani.

Glossarju:

Anteċedent: frażi li tiġi qabel.
Antifona: Silta sagra qasira, meħuda l-aktar mill-Bibbja, reċitata jew kantata waqt funzjonijiet liturġiċi u l-uffiċċju divin. Fl-antik, il-kant kien ikun fl-istil Gergorjan iżda maż-żmien, kompożituri bdew jimmużikawha fi stili kontemporanji. F'Malta, l-antifona tal-festa saret l-aktar biċċa importanti li titkanta waqt festa u tkun mistennija ħafna speċjalment waqt id-dħul tal-vara fil-knisja wara l-purċissjoni.[8]
Battuta: miżura mużikali. Battuta tinfired minn oħra permezz ta' stangetta (*barline*).
Konsegwent: frażi li tiġi wara.
Modulazzjoni: Mogħdija minn kjavi għal oħra bħala proċess mużikali kontinwu f'kompożizzjoni normalment xi ftit twila.[9]
Motiv: frażi mużikali ripetuta.
Orkestrina: orkestra żgħira bħalma nsibu f'xi tiġijiet jew festini privati.
Pentagramma: vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika.
Ritornell: passaġġ mużikali li jkun ripetut. Fil-kanzunetta, dik l-istrofa li tirrerpeti ruħha.
Sinkope: Meta n-nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-deboli.
Strofa: kelma li tirreferi għall-ewwel taqsima tal-għanja jew poeżija, li mhix xejn għajr silta sħia li ssawwar paragrafu poetiku. Stanza hija kelma oħra għal strofa.
Trijadi: grupp ta' tliet noti fuq xulxin.

[5] Serracino-Inglott Mario: Id-Dizzjunarju Malti u teżawru ta' malti mħaddem – Merlin Library Ltd. (2000).
[6] Vella Bondin Joseph: Il-mużika ta' Malta sal-aħħar tas-seklu tmintax (Vol. 18) - Sensiela Kullana Kulturali (2000) – Pubblikazzjoni PIN.
[7] Grech Gejtan: Grammatika jew tagħlim mużikali meħud minn diversi awturi kbar tal-mużika – It-Tieni Edizzjoni (1949).
[8] Vella Bondin Joseph: Il-Mużika ta' Malta sal-aħħar tas-Seklu Tmintax – PIN (Malta, 2000).
[9] Ibid.

**Manoel Pirotta** twieled in-Naxxar fl-1962. Tgħallem il-klarinett u ngħaqad mal-Banda Ċittadina King's Own ta' 12-il sena. F'Malta, studja għand il-kompożitur prolifiku, Carmelo Pace. Kiseb ħames 'fellowships' mill-VCM (1994), LCM (1995), NCM (1996), TCL (1997), u IBC (2004). Kiseb ukoll il-midalja tad-deheb fil-kompożizzjoni (1995), u l-orkestrazzjoni (1996), u *certificated and registered teacher* (1999) mill-VCM, li tiegħu huwa wkoll membru onorarju. Iggradwa Masters mill-konservatorju nazzjonali superjuri ta' Lyon, Franza. *Full-time lecturer* fil-University of Malta Junior College, Msida. Nominat "International Musician of the Year" mir-Research and Advisory Board of the International Biographical Centre, Cambridge (2003). Idderieġa l-*Catholic Institute Orchestra* (1987-9) u l-Orkestra Żgħażagħ Maltin (1994-96). Ilu jmexxi l-*University Junior College Orchestra* u l-*Euro Academy Youth Orchestra* sa mill-1998 u 2002 rispettivament. Għandu xogħlijiet ippubblikati f'antoloġiji mużikali, oħrajn jinsabu fuq CDs, u oħrajn indaqqew f'pajjiżi Ewropej. Rebbieħ ta' midalji u gari mużikali, fosthom għall-aqwa marċ brijuż imniedi mis-*Società Flarmonica Nazzjonale "La Valette"* f'għeluq il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ingħata l-*Grand Prix des Arts* għall-kompożizzjoni u direzzjoni mużikali fit-tmien edizzjoni tal-*Malta International Art Biennale* (2007). Inħatar Surmast tal-Banda San Ġiljan fl-2008.